**Laqgħa Numru 12**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**27 t'April 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ma setax jiltaqa' fl-Uffiċċju minħabba l-imxija tal-Covid-19. Il-laqgħa saret virtwali permezz taż-Zoom. Il-laqgħa bdiet fil-5.10 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

**12.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

12.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 9 li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 ġew approvati mill-Kunsill wara li l-Kunsilliera Jeanelle Attard pproponiet li jsiru amendi f'paragrafu numru 9.3.1, 9.3.2 u 9.4.1.

12.2.2 Il-minuti tal-Laqgħa b'Urġenza Nur 10 li saret fis-27 ta' Frar 2020 u l-Laqgħa Nru 11 tal-25 ta' Marzu 2020 ġew approvati unanimament. Dawn kienu se jiġu ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.3.1 **Pjazza tax-Xewkija** TM approvaw min-naħa tagħhom li s-sinjali tat-traffiku isiru permezz ta' tabelli u jiġi evitat li jsir żebgħa fuq il-porfido. Is-Sindku ssuġġeriexxa li jitħawwlu fjuri ġodda fil-flower beds tal-pjazza. Il-Viċi Sindku staqsa jekk l-*upkeeping* kienx jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsilli. Is-Sindku kellu konferma mill-Ministeru t'Għawdex li dan jaqa' taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament li għandhom jinxtraw dawn il-fjuri. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li d-dawl fil-pjazza kien qed jibqa' mixgħul filgħodu. Is-Sindku kkomunika li kien iċċekja mad-DG fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex biex jinżel il-cable taħt l-art kif suppost jiġi.

12.3.2 **Ħitan tas-Sejjieħ ta' Blankas** Is-Sindku kkomunika li t-talba lill-Ministeru t'Għawdex biex jiġu restawrati dawn il-ħitan kienet ġiet approvata. Il-Kunsill iddiskutta fejn għandhom jeħlu l-bankijiet u l-*picnic tables*. Is-Sindku kkomunika li kien tkellem ma' Fr Bezzina fuq l-isem li għandu jkun hemm fuq dan il-ġnien fejn kien ikkonferma li l-isem għandu jkun "Masġar ta' Blankas". Is-Sindku wera l-logo ppreparata mill-artist Paul Stellini li għandu jintuża fuq tabelli għal dan il-ġnien. Il-Viċi Sindku rrimarka li fuq il-logo jkun hemm dejjem imniżżel il-Kunsill Lokali Xewkija. Is-Sindku wera d-disinn tal-monument maħsub għall-entratura' tal- Masġar ta' Blankas. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ippropuniet li għandu jkun hemm ukoll l-arma tal-Kunsill.

12.3.4 **Belvedere tal-Barmil** Is-Sindku ppreżenta l-*visuals* ppreparati mill-Perit Shawn Micallef kif se jkun jidher dan il-proġett matul il-ġurnata u anke billejl. Is-Sindku kkomunika li l-Perit kien se jipprepara stima kemm bl-art *stencil u* porfido.

12.3.5 **Laqgħa GAGF** Is-Sindku kkomunika li kienet saret laqgħa virtwali ma' Josef Magro tal-*Gozo Action Group Foundation* fejn kienu ġew diskussi l-Miżuri li kien hemm li l-Kunsill seta' japplikka għalihom flimkien ma' *NGO* u entita' privata fil-qasam tat-turiżmu. Is-Segretarju spjegat li l-Miżuri maħruġa jinkludu kemm infrastruttura u anke avvenimenti li jridu jsiru fix-xhur bejn Mejju u Settembru. Is-Sindku spjega li x-Xewkija setgħet tapplika peress li m'hawnx lukandi fix-Xewkija u l-iskop kien li l-

irħula li japplikaw ikunu jistgħu jiggwadanjaw f'żieda fit-turiżmu. Il-Kunsill iddiskuta d-diffikulta' li wieħed isib biex isib kemm NGO u entita' privata mir-raħal interessati. Il-Kunsill qabel li kellha tintalab laqgħa ma' Wirt Għawdex, George Azzopardi minn Gozo Heritage u Josef Magro mill-GAGF biex tkun tista' tiġi esplorata l-possibilta' li l-Kunsill japplika fuq proġett li jinkludi Intepretation Centre f'Masġar ta' Blankas u anke tingħata aktar importanza lill-*cart ruts* f'dan il-ġnien, ix-xelters tal-gwerra fil-pjazza , Għar Ix-Xiħ u l-Mitħna.

12.3.6 **Kerbside Truck tal-Wasteserv** Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li kellhu l-ġimgħa ta' qabel mas-Sur Joellson Bezzina mill-Wasteserv fejn fost affarijiet oħra ssuġġerriexxa li l-*kerbside truck* ma jibqax erba' sigħat fi Triq Widnet Il-Baħar biss imma jinqasam il-ħin b'sagħtejn f'Widnet Il-Baħar u sagħtejn oħra f'post ieħor biex ikun jista' jilħaq aktar residenti. Is-Sindku ssuġġerriexxa li jibda jagħmel sagħtejn fl-inħawi tal-Barmil. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li t-trakk imur ukoll fl-inħawi Ta' Ġokk. Is-Sindku kkomunika li s-Sur Bezzina kien issuġġerriexxa żewġ postijiet peress li biex taqsam fi tlett postijiet jinħela aktar ħin. Is-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsillier Domenic Zerafa u l-Kunsill Johnny Vella qablu li l-*kerbside* għandu jmur fi Triq Widnet Il-Baħar u f'Tal-Barmil.

12.3.7 **Applikazzjoni tal-Istatwa ta' San Pawl** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għar-restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl. Din l-iskema ħarġet mill-Ministeru t'Għawdex. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li kien xieraq li jiġi rrestawrat il-monument ta' Castelvenere fil-*playingfield* ta' Ġokk. Il-Kunsill iddiskutta li l-ispiża biex jittranġa dan il-kastell ma kinitx spiża sostanzjarja u dan kellu jiġi rrestawrat minnufih.

12.3.8 **Triq Santa Eliżabetta** B'referenza għax-xogħol addizjonali neċessarju mill-WSC fi Triq Santa Eliżabetta, is-Sindku kkomunika li min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex kellu kkonferma b'imejl li din l-ispiża addizzjonali se jkun qed jagħmel tajjeb għaliha l-Ministeru. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għaddej b'kuntatti biex jiġu anke l-fondi għad-differenza mill-fondi oriġinali mill-Ministeru u b'kemm ġie *awarded* it-tender biex tkopri d-differenza fir-rati peress li kien inbiddel il-Framework.

12.3.9 **Playingfield Tal-Ġokk** Is-Sindku pproponna li jittranġa' l-playingfield ta' Ġokk. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li kellha tiġi sottomessa applikazzjoni taħt il-fondi tad-DPF.

12.3.10 **Ġnien Il-Ħaddiem** Is-Sindku ppreżenta l-pjanti li kien għaddielu l-Perit min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex fuq Ġnien Il-Ħaddiem. Is-Sindku kkomunika li l-pjanti jinkludu l-*istores* li ma kinux inklużi fil-pjanta oriġinali sottomessa lill-PA f'Novembru 2019. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat li xtaqet li dawn il-pjanti ġew il-Kunsill qabel ma ġew sottomessi min-naħa tal-Ministeru. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li l-ġnien ma jidhirx li se jkun sikur għat-tfal għax iċ-ċint jidher wisq baxx.

12.3.11 **Deputat Segretarju** Is-Sindku ssuġġerriexxa li bħala Deputat Segretarju għandha tinħatar l-Assistent Prinċipal Mary Haber. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan.

12.3.12 **Christmas Market** Is-Sindku rrimarka li d-differenza li kien hemm kienet tammonta għall-€697. Il-Kunsill iddiskutta l-materja jekk għandhomx jitħallsu jew le. Is-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillier Johnny Vella u l-Kunsillier Domenic Zerafa qablu li dawn il-kontijiet għandhom jitħallsu.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Il-Viċi Sindku reġa' qajjem il-punt biex isiru *cameras* fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament li toħroġ sejħa għall-*cameras*. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li s-servizzi għandhom jgħaddu mill-*culverts* minnufih. Is-Segretarju rrimarkat li kienet iċċekjat mal-Ministeru u anke għaddiet korrispondenza lill-Inġinier Mizzi fejn ġie kkonfermat li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Ministeru t'Għawdex. Is-Sindku elenka li hu kien qed jagħmel pressjoni min-naħa biex dan isir b'mod immedjat.

12.4.2 Il-Viċi Sindku rreferra għas-sitwazzjoni f'Tal-Ħorob fejn l-iskart ta' karozzi mormija kien dejjem jiżdied. Il-Viċi talab lis-Segretarju biex tintbagħat ittra lil Ministru Byron Camilleri fejn jiġu kkupjati il-Kummisjarju u anke is-Supretindent għax ma kienx aċċettabli li għalkemm intbagħtu diversi imejls jibqa' ma jsir xejn. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li riċentament kienet intbagħtet imejl mill-avukat tal-Kunsill lill-pulizija biex tittieħed azzjoni immedjata.

12.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex l-Kunsill jiċċekja fuq skema ta' *badges* biex tiżdied l-inklussivita' fil-komunita'. L-istess Kunsilliera spjegat li din l-iskema kienet kienet ġiet varata mis-Seg Parlamentari responsabli min persuna b'diżabilita' fejn kienet ipproponiet li x-Xewkija jieħu t-titlu tal-ewwel raħal inklussiv meta nawgurata l-latrina fil-pjazza. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekja fuq din l-iskema.

12.4.4 Il-Viċi Sindku ppropona li jaħtar sotto-kumitat għad-dekasteri li minnhom hu responsabli.

**Sotto-Kumitat: Kultura, Anzjani u Integrazzjoni Soċjali**

John Attard

Johnny Zerafa

Joseph Hili

Rueben Farrugia

Godwin Attard

Monica Barbara

Il-membri tal-Kunsill unanimament approvaw dawn il-membri fuq dan is-sotto-kumitat.

12.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward l-installazjoni tal-VR kit u ġibdet l-attenzjoni li din l-iskema kienet tagħlaq fl-aħħar ta' Mejju. Is-Segretarju fakkret li sal-laqgħa ta' Frar kienet l-istess Kunsilliera li talbet lis-Segrarju tiċċekja mad-Dipartiment

biex minflok f'VR Kit ninvestu f'kotba għal-librerija. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet tkellmet mas-Sur Klaus fejn kien infurmaha li kien impossibli li l-VR kit tasal sal-aħħar ta' Mejju minħabba l-imxija tal-Covid-19 u peress li din kienet tiġi minn barra min Malta. Kien għalhekk li s-Segretarju kienet se tieħu nota biex titlob estensjoni.

12.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-*website* tal-Kunsill fejn is-Sindku talabha ssemmi x'qed titlob li jkun inkluż fih. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jkun hemm l-istorja tal-Kunsill, postijiet ta' interess fix-Xewkija, l-attivitajiet, l-arma tax-Xewkija, l-għaqdiet tax-Xewkija, bini tal-Kunsill, artiġġjanar u snajja' fix-Xewkija.

12.4.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rreferriet għall-ispejjeż marbuta mal-Karnival fejn rrimarkatat li l-ispiża kienet ikbar minn dik ta' sentejn ilu. Hi talbet li qabel kull attivita' jkun preżentat *budget u* li jibdew jinġabru l-kontijiet relatati ma' kull. Il-Kunsill iddiskutta li għalkemm dan huwa l-ideali hu diffiċli biex dan isir hekk kif għandek min idum ma jibgħat il-kontijiet xhur sħaħ.

**12.5 Rapport tal-Evalwazzjoni: Offerti għall-Equipment tal-Bandli tal-Ħamrija**

12.5.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Bord tal-Evalwazzjoni kien intaqa' b'mod virtwali u kellhu jerġa' jintaqa' biex ikompli jevalwa l-offerti mitfugħa.

**12.6 Proġetti**

12.6.1 ***Eco Park f'Tal-Barmil*** Is-Sindku kkomunika li kellu laqgħa virtwali mal-Permanent Secretary Anthony Gatt u d-Direttur Alexander Frendo fid-9 t'April 2020 fejn ġie nfurmat li l-Ministeru tal-Enerġija għażel li jiffinanzja *Eco Park* fix-Xewkija. Is-Sindku elenka li dan kien proġett innovattiv b'kunċett totalment ġdid għal Għawdex li fih kienu se jgawdu t-tfal tax-Xewkija u anke tfal bl-awtiżmu. Is-Sindku spjega li kien mar fuq il-playingfield tal-Barmil flimkien mal-PS Anthony Gatt u d-Direttur Frendo fil-15 t'April 2020 fejn raw il-*playingfield* u ġie spjegat f'aktar dettal dan il-proġett. Il-membri tal-Kunsill unaninament approvaw li jsir dan il-proġett u irringrazzjaw lill-Ministeru tal-Enerġija li kien għażel ix-Xewkija.

12.6.2 Is-Sindku spjega li dan il-proġett se jkun fih *Maintenance Agreement* ta' tlett snin fejn se jkunu qed jieħdu ħsiebu l-istess Ministeru. Is-Sindku spjega li min-naħa tal-Kunsill iridu jiġi ppreparati l-pjanti min-naħa tal-Perit tal-Kunsill pero' ix-xogħol kien se jkun kollu fi ħdan il-Ministeru tal-Enerġija.

12.6.3 Is-Sindku rreferrew għat-talba tal-PS biex jitneħħew il-BIS. Is-Sindku nforma li skond ir-rapport tal-MCCAA il-BIS speċjalment dak tal-ħġieġ m'għandux ikun fejn *playingfield.* Il-membri tal-Kunsill qablu li dawn għandhom jitneħħew minn fejn il-*Playing Fields.* Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li dawn il-BIS jitħarrku għal Triq tal-Loġġa waqt li l-Kunsillier Johnny Vella ssuġġerriexxa li l-BIS jimxu għat-Triq Tal-Ħorob. Is-Sindku qabel ma' dan is-suġġeriment waqt li l-Kunsillier Domenic Zerafa oġezzjoni li dan se jirriżulta f'aktar rimi u ħmieġ. Ma ttieħditx deċiżjoni fejn għandhom jimxu dawn il-BIS.

12.6.4 B'referenza għall-evalwazzjoni tas-sejħa tal-offerta tal-*cameras* tal-playingfield, is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'dan l-istadju ma jistgħux jiġu evalwati u *awarded* l-offerti peress li dan il-proġett kien se jkopri fih anke l-*camera*s.

*19.20 pm* *Il-Kunsillier Johnny Vella ġie skużat mil-laqgħa minħabba impenji oħra.*

**12.7 Korrispondenza u Ilmenti**

12.7.1 26/03/2020 Korrispondenza minghand Ms Marion Attard is-Segretarja Ezekuttiva lis-Sur Mario Camilleri fuq is-Sotto Kumitat li ma jistax jkun membri fuq is-Sotto Kumitat fuq il-linja gwida mogħtija mid-Dipartiment.

12.7.2 26/03/2020 Korrispondenza minghand is-Sur Mario Camilleri b'risposta ghall-korrispondenza li ntbaghtet mis-Segretarja Ezekuttiva fuq is-Sotto Kumitat tal-Gemellagg ta' Castelvenere.

12.7.3 27/03/2020 Cirkulari Nru AKL 2020/027 minghand il-President tal-Assocjozzjoni Kunsilli Lokali dwar gheluq tal-Playing Fields.

12.7.4 27/03/2020 Korrispondenza minghand Kenneth Cutajar Chief Executive Officer dwar mizuri ghal haddiema ta' CWSEF minhabba il-Convid 19 biex jigu applikati.

12.7.5 27/03/2020 Korrispondenza lis-Sur Laudi mis-Segretarja Ezekuttiva dwar l-Gheluq tal-Fergha BOV Xewkija.

12.7.6 27/03/2020 Korrispondenza lis-Sindku, Vici-Sindku u Kunsilliera minghand is-Segretarja Ezekuttiva dwar gheluq tat-Tender ghal 'Equipment ghall-laying Field tal-Hamrija u l-ftuh tat-Tenders li ntefghu.

12.7.7 27/03/2020 Korrispondenza minghand Yosef Magro Manager tal-Gozo Action Group Foundation fuq Measure 'GAG 2' li titratta fuq 'Truly Holistic Gozitan Gastronomy' u fuq Measure 'GAG 3' li titratta fuq 'Gozo Atractions and Innovative events for all Seasons'. Din intbaghatet lis-Sindku/Segretarja Ezekuttiva. Is-Segretarja Ezekuttiva ghaddiet kopja lil Kunsilliera kollha.

12.7.8 27/03/2020 Korrispondenza minghand Yosef Magro Manager tal-Gozo Action Group Foundation lis-Sindku/Segretarja Ezekuttiva dwar 'Smart Rural Villages' koppja intbaghatet minghand is-Segretarja lil Kunsilliera kollha.

12.7.9 30/03/2020 Korrispondenza lis-Sur Donald Aquilina biex jara ahniex eligibli ghall-iskema ta' 'Smart Rural Villages Application' minghand l-Assistant Principal Mary Haber ghan-nom tas-Segretarja Ezekuttiva. Dan wara li kkuntattjana lis-Sur Yosef Magro tal-GAGF.

12.7.10 30/03/2020 Korrispondenza minghand is-Sur Donald Aquilina lil Assistant Principal Mary Haber Ghas-Segretarja Ezekuttiva fuq kif napplikaw ghal 'Smart Rural Villages

12.7.11 02/04/2020 Cirk AKL 2020/ u 028 minghand il-President tal-Assocjazzjoni Kunsill Lokali dwar Hlas ta' kirjiet dovuti lill-Awtorita tad-Djar u lill-Awtorita' tal-Artijiet.

12.7.12 02/04/2020 Korrispondenza minghand Reno Micallef Ass. Direttur tal-Eco Directorate dwar l-iskema ta' 'Restoration Works Scheme for Gozitan Local Council'.

12.7.13 03/04/2020 Korrispondenza minghand Michael Cohen minn Transport Malta dwar permessi mahruga mill-Kunsill Lokali.

12.7.14 04/04/2020 Korripondenza fuq minghand Manfred Janoscha fuq storbju minn xoghlijiet ta' kostruzzjoni fit-Triq tieghu din intbaghatet lis-Segretarja Ezekuttiva. Imejl b'risposta mis-Segretarju fuq l-istess korrispondenza.

12.7.15 06/04/2020 Cirk AKL 2020/029 – Progett fuq Pjattaforma You Safe mill-President tal-Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali.

12.7.16 06/04/2020 Communication Office Planning Authority Newsletter issue 6/19

12.7.17 04/2020 Cirk AKL 2020/030 – Informazzjoni dwar -Covid 19 b'lingwi differenti UNHCR b'kollaborazzjoni mal-You Safe.

12.7.18 06/04/2020 Cirk AKL 2020/032 Tneddija tal-ewwel sejha – Progett EUCF Webiner mill-President, Asssoccjazzjoni Kunsill Lokali li ser tigi mnidija fis-7 ta' April, 2020.

12.7.19 06/04/2020 Korrispondenza minghand Joseph Sultana tal-MGOZ-Cultural Heritage dwar kompetizzjoni ta' kull gimgha fuq facebook mnidija mill-Ministru Clint Camilleri, il-pagna jisimha 'Unity in Creativy'.

12.7.20 07/05/2020 Korrispondenza minghand il-Manager tal-BOV Sunta Attard rigward risposta ghall-gheluq tal-fergha tal-BOV din intbaghtet lis-Segretarja Ezekuttiva.

12.7.21 07/05/2020 Korrispondenza minghand Jeanelle Attard Kunsilliera li tixtieq li tintalab spjegazzjoni minghand il-Manager tal-BOV kif dawn qed ighinu lill-anzjana kif hemm miktub fuq il-korrispondenza is li ntbaghatet.

12.7.22 08/04/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lil Manager tal-BOV fejn staqsietha kif qed jigu meghjuna l-anzjani.

12.7.23 08/04/2020 Korrispondenza minghand il-Manager tal-BOV b'risposta kif qed jigu mghejjuna l-anzjani lis-Segretarja Ezekuttiva.

12.7.24 08/04/2020 Korrispondenza minghand is-Sindku lil Kunsilliera biex jara jaqblux jekk japplikaw ghall-iskema ghar-restawr tal-Monument ta' San Pawl.

12.7.25 08/04/2020 Korrispondenza lis-Sindku minghand il-Vici Sinku li qabel mal-progett ghar-reswawr tal-Monument ta' San Pawl.

12.7.26 08/04/2020 Cirk AKL 2020/034 minghand il-President tal-Asoccjazzjoni Kunsilli Lokali dwar 'Meeting with members (Greece/Portugal/Spain/Malta) Covid – 19 Crisis Management.

12.7.27 Cirk AKL 2020/035 minghand il-President tal-Asoccjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Epos Machines.

12.7.28 13/04/2020 Cirk AKl 2020/032 minghand il-President tal-Asoccjazzjoni Kunsill Lokali dwar Tnedija tal-Ewwel sejan – Progett EUCF Webinar ghada 7 t'April .

12.7.29 14/04/2020 Is-Segretarja Ezekuttiva baghtet Il-Minuti Laqgha Nru 9 u il-Minuti Laqgha Nru 10 ghall-Approvazzjoni minghand il-membri tal-Kunsill.

12.7.30 14/04/2020 Is-Segretarja Ezekuttiva baghatet korrispondenza lill-Membri tal-Kunsill fejn infurmatom biex jibghatulha risposta tal-Approvazzjoni tal-Minuti ghax kellmuha mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

12.7.31 14/04/2020 Korrispondenza lis-Segretarja Ezekuttiva minghand is-Sindku fejn approva l-Minuti.

12.7.32 14/04/2020 Korrispondenza lis-Segretarja Ezekuttuva dwar il-Minuti minghand Jeanelle Attard li trid tirranga xi affarijiet qabel tapprova l-Minuti.

12.7.33 4/04/2020 Korrispondenza lis-Segretarja Ezekuttiva mill-Kunsilliera Jeanelle Attard dwar emendi fil-laqgha Nru 9.

12.7.34 14/04/2020 Korrispondenza lis-Segretarja Ezekuttiva mill-Kunsilliera Jeanelle Attard li riedet li jintbaghtu lis-Sindku u Kunsilliera xhin jigu emendati il-Minuti.

12.7.35 14/04/2020 Korrispondenza lis-Segretarja Ezekuttiva mill-Kunsilliera Jeanelle Attard li riedet tkun taf ghaliex ma ghadhiex issir l-iskeda ta’ pagamenti.

12.7.36 14/04/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lill-Kunsilliera Jeanelle Attard dwar emendi li riedet li jsiru fil-minuti tal-laqgha nru. 9.

12.7.37 14/04/2020 Korrispondenza minghand il-Vici Sindku lis-Segretarja Ezekuttiva li qabel mal-minuti u mbaghad issir xi korrezzjoni waqt il laqgha.

12.7.38 15/04/2020 Korrispondenza minghand il-Kunsilliera Jeanelle Attard lis-Segretara Ezekuttiva fuq il-Minuti biex tara minn min gew approvati.

12.7.39 15/04/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lil Kunsilliera Jeanelle Attard fejn infurmata li hi baghatet biss il-korrezzjoni tal-laqgha nru 9 u il-Minuti ma gewx approvati.

12.7.40 15/04/2020 Korrispondenza minghand lill-Kunsilliera Jeanelle Attard lis-Segretarja Ezekuttiva biex tara ntbaghtux il-Minuti lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

12.7.41 15/04/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lill-Kunsilliera Jeanelle Attard fejn qaltilha li ma ntbagtu l-ebda minuti.

12.7.42 17/04/2020 Korrispondenaz minghand Margaret Psaila tad-Dipartiment Kunsilli Lokali lis-Segretarja Ezekuttiva fejn infurmata jekk il-Kunsilliera jridux jaghmlu rapport fuq id-dekasteru taghhom.

12.7.43 17/04/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lill-Margaret Psaila fejn infurmata li t-twegiba kienet fl-affermattiv.

12.7.44 17/04/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja li-Sindku u Kunsilliera fejn infurmathom li ghandhom estensjoni erbgha gimghat ohra biex jipprezentaw ir-rapport.

12.7.45 20/04/2020 Agenda tal-laqgha nru. 12 mibghuta lill-Kunsilliera mis-Segretarja Ezekuttiva.

12.7.46 21/04/2020 Cirk 2020/036 mibghandk il-President tal-Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali fejn kien hemm Annessi il-Minuti Approvati tal-Laqagha Nru 31.

12.7.47 1/04/2020 Minuti nru 11 mibghuta mis-Segretarja Ezekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera.

12.7.48 22/04/2020 Korrispondenza minghand Clifford Debattista EUPA dwar stedina ta' Laqghat On Line fuq l-ipjanar tal-progett Eramus + or European Solidarity Corps Project' lil Kunsill Lokali Xewkija.

12.7.49 23/04/2020 Cirkulari Nru 2020/037 minghand il-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar depozitu ta' minuti mill-Kunsilli Lokali.

12.7.50 23/04/2020 Cirkulari Nru 2020/038 minghand il-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Lista ta' NGOs/VOS fil-lokalitajiet.

## 12.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

12.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 12.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

12.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju fil-5.00pm.

Konfermati, illum 26 ta' Mejju 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |